Mastro Giacomo Bianco: Uno dei dodici Maestri Periti

Kitba tal-Perit Ruben Abela



L-Oratorju tas-Sagrament

Kienet żjara li saret fl-2012 fl-Oratorju tas-Sagrament minn professur li jgħallem fil-Fakultà tal-Arkitettura ta' Palermo li wasslitni biex nagħmel din ir-riċerka. Meta żar l-Oratorju, dan il-professur insista miegħi li x-xogħol fid-disinn ta' dan il-bini żgur li mhux ta' arkitett Malti u skont hu dan bilfors kien arkitett Franċiż. Jien kelli xi ħaġa f'qalbi li bdiet tgħidli li dan ix-xogħol mhux biss huwa ta' arkitett Malti, iżda ta' arkitett Żejtuni. Sa dak iż-żmien it-tagħrif li ġie ppubblikat dwar l-bini tal-Oratorju kien jagħmel biss referenza għall-benefatturi, fejn jissemmew bi prominenza l-ismijiet ta' Giacomo u oħtu Marija Bianco, it-tnejn li huma membri tal-Fratellanza tas-Sagrament, bħala l-benefatturi ewlenin ta' dan il-proġett[1].

L-Oratorju tas-Sagrament fiż-Żejtun beda jinbena fl-1743 u tlesta fl-1746[2]. Matul l-ewwel nofs tas-seklu tmintax, waqt il-bini tal-Oratorju u l-Knisja Parrokkjali, l-arkitettura Barokka f'Malta kienet fl-aqwa tagħha. Kien matul dan iż-żmien li kellna fostna arkitetti barranin bħal Romano Fortunato Carrapechia (1666-1738) u Charles Francois de Mondion (1681-1733). It-tnejn li huma ħadmu fuq diversi proġetti tal-Ordni, kemm taħt il-Gran Mastru Ramon Perellos kif ukoll taħt il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena. Fl-istess żmien kellna kapumastri Maltin li ħadmu wkoll fuq proġetti tal-Ordni u bini ta' knejjes, bħal Franesco Zerafa (1679-1758), Giovanni Barbara (1642-1728) u Giuseppe Bonnici (1707-1779). Dan tal-aħħar kien involut b'mod attiv fit-tkabbir tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun[3].

Privitelli (2013) irriċerkat u fliet sew l-arkivji parrokkjali taż-Żejtun, b'mod partikulari l-*Libri della Fabrica,* li jiġbru fihom dettalji tal-ħlasijiet lill-ħaddiema li kienu involuti fil-kostruzzjoni tal-Knisja Parrokkjali[4] Kien permezz ta' dan l-istudju li ħarġu diversi ismijiet ta' arkitetti, kapumastri u mastri li f'xi żmien jew ieħor taw sehemhom fil-bini tal-knisja taż-Żejtun. Hekk jissemmew Mastru Lorenzo Gafà u Mastru (Pietro) Paolo Zahra fil-pożizzjoni tagħhom bħala arkitetti[5] Mastru Giuseppe Bonnici huwa mniżżel bħala kapumastru fejn ta s-servizz tiegħu fl-1775. Fl-istess impjieg insibu lil Mastru Alessandro Pulis (li ħadem bejn l-1712 u l-1716) u Mastru Giacomo (Giacobo) Bianco (li ħadem fl-1744)[6] Il-familja Cachia wkoll insibuha f'din il-lista. Mastru Angelo, Mastru Nunziato jew Annunziato u Mastru Domenico, kollha huma mniżżla bħala *lavorante*[7] u li ħadmu madwar l-1733. Fl-istess sena, Mastru Gio Domenico Cachia kien imniżżel bħala *muratore*. Mastru Paolo, Mastru Alfonso, Mastru Gio Maria u Mastru Annunziato kienu mniżżlin bħala *muratore* iżda fil-perjodu 1776-1778. Mastru Nunziato Cachia huwa mniżżel ukoll bħala *scultore*[8] fl-1733.

Isem partikulari li deher li beda minn isfel u baqa' tiela' 'l fuq fil-karriera tiegħu waqt il-bini tal-Knisja Parrokkjali, huwa dak ta' Giacomo (Giacobo) Bianco. Skont din il-lista huwa beda l-karriera tiegħu bħala *bacconiere*[9] *fl*-1712 meta kien imħallas 2 tari u 2 grani kuljum. Tliet snin wara Bianco huwa mniżżel bħala *lavorante* bi ħlas ta' 3 tari u 10 grani kuljum. Wara kważi tletin sena, ismu jerġa' jidher fil-lista tal-ħlasijiet iżda din id-darba bħala wieħed minn tliet kapumastri. Fil-lista tidher persuna oħra bil-kunjom Bianco, ċertu Giuseppe, li wkoll hemm referenza għalih bħala Mastru, meta fl-1709 kien jaħdem bħala *lavorante* u fis-sena ta' wara bħala *peritore* u kien jitħallas 3 tari u 10 grani kuljum fiż-żewġ karigi rispettivi.

Giacomo ħadem fil-fażi bikrija tal-kostruzzjoni tal-knisja taħt is-superviżjoni ta' Mastru Alessandro (Xandru) Pulis, meta kellu bejn 22 u 25 sena, u żmien sew wara l-mewt ta' Lorenzo Gafà. S'issa għadu mhux magħruf x'kien qed jagħmel Giacomo bejn l-1715 u l-1744[10], meta hemm referenza għalih bħala *capomastro* fil-*Libri della Fabrica* tal-knisja taż-Żejtun. Dan kien iż-żmien meta Romano Carapecchia, Charles Francois de Mondion u Francesco

Zerafa kienu l-aktar attivi fil-karriera tagħhom, b'dan tal-aħħar jokkupa l-pożizzjoni ta' *Capomastro delle Opere della Religione.*

Riċerka li saret s'issa tatribwixxi l-Oratorju tad-Duluri ta' Bormla li nbena fl-1731, lil Giacomo Bianco[11] L-iskulturi Pietro Paolo Zahra u Francesco Fabri ħadmu x-xogħol skolpit f'dan l-Oratorju. Iż-żewġ skulturi ħadmu wkoll flimkien fil-knisja taż-Żejtun bejn l-1725 u l-1728. Il-kwadru titulari fl-Oratorju ta' Bormla huwa xogħol ta' Francesco, iben Pietro Paolo, li wkoll ħadem sett ta' sitt kwadri fl-Oratorju tas-Sagrament fiż-Żejtun, dan barra xogħlijiet artistiċi oħra fil-Knisja Parrokkjali tal-istess lokal. Kemm Pietro Paolo kif ukoll Francesco ħadmu fl-iskultura u l-pittura tal-Oratorju tal-Kurċifiss tal-Isla, li beda jinbena fl-1727 mill-*Capomastro* Francesco Zerafa[12]

Kemm arkitettonikament, kif ukoll artistikament, dawn it-tliet Oratorji għandhom ħafna xebh. It-tlieta huma mżejna b'xogħol barokk mill-ifjen. Kollha huma f'għamla rettangulari, b'kursija msaqqfa bi troll maqsuma fi tliet sezzjonijiet fejn mal-ġnub insibu t-twieqi mdaħħlin fil-volta. Filwaqt li l-Oratorji taż-Żejtun u tal-Isla jispiċċaw b'apside dekorata fuq l-artal, dak ta' Bormla għandu l-presbiterju u l-artal irtirati 'l ġewwa. L-Oratorju taż-Żejtun għandu sitt kwadri, imdawra bil-lavur u skultura fil-ġebel li juru xeni bibbliċi mill-Antik Testment b'rabta mal-Ewkaristija. Dak ta' Bormla għandu sitt statwi artistiċi li juru xeni mill-passjoni ta' Kristu. Fl-Isla nsibu kompożizzjoni magħmula minn sitt kwadri li bejniethom hemm anġli kbar skolpiti fil-ġebel iżommu simboli tal-passjoni. Mit-tlieta li huma, huwa dak taż-Żejtun biss li għandu faċċata b'arkitettura impressjonanti li tikkomplimenta l-istil barokk imħaddem fuq ġewwa.

Apside dekorata fuq l-artal

Fit-3 ta' Settembru 1678, Giuseppe Bianco iben Angelo u Michela minn Ħal Tarxien, iżżewweġ lil Prudenza Mifsud, bint Matteo u Grazzia minn Casal Bisbut[13]. Minn dan iż-żwieġ twieled Giacomo li tgħammed fit-2 ta' Diċembru 1690[14], u Maria li twieldet u tgħammdet fil-11 ta' Jannar 1694[15] Għalhekk jidher li Mastru Giuseppe Bianco li semmejna aktar qabel, kien missier Giacomo. Giacomo żżewweġ lil Grazzia Azzopardi, bint Mario u Maria, nhar l-4 t'Ottubru 1716[16]. Minn riċerka li saret fl-arkivji tal-Magħmudijiet ma jidhirx li kien hemm ulied minn dan iż-żwieġ. Kemm Giuseppe kif ukoll Giacomo kienu joqogħdu ż-Żejtun. Giacomo miet fis-27 ta' Jannar 1770[17].

Giacomo u Maria Bianco jissemmew fl-arkivji tal-Fratellanza tas-Sagrament bħala membri attivi f'din il-Fratellanza. Fil-fatt Abela (2006) jgħid li Maria Bianco kienet waħda mill-ewwel benefatturi ġenerużi fil-bini tal-Oratorju u li ħarġet 125 *scudi* għat-twettieq ta' dan il-proġett. Meta f'seduta ġenerali l-membri qablu li jinbeda x-xogħol tal-bini, Giacomo Bianco (ħu Maria) li kien it-teżorier tal-Fratellanza, beda jiġbor il-lista ta' kontributuri li kienu qed joħorġu 50 *scudi.*

L-arkivji tal-Fratellanza tas-Sagrament huma mimlijin b'tagħrif dwar il-laqgħat, id-deċiżjonijiet u l-inizjattivi meħuda minn din l-eqdem Fratellanza fil-Parroċċa ta' Santa Katarina, u jidher li Giacomo mhux biss kien attiv sew fiha, iżda kien ukoll igawdi rispett kbir minn sħabu matul ħajtu. Dokument misjub minn Joseph Mercieca, ir-Rettur preżenti ta' din il-Fratellanza, jixħet aktar dawl fuq Giacomo. Dan id-dokument[18] maqsum f'żewġ partijiet, jidher li huwa ġabra ta' testimonjanzi, jew kif illum nirreferu għalihom bħala rakkomandazzjonijiet dwar Giacomo Bianco. Fl-ewwel parti hemm testimonjanza ffirmata fl-4 t'April 1759 min-nies nobbli li fost oħrajn jinkludu lil Barone di Cicciona Michele Sceberras u Barone Paschale Sceberras Testaferrata. It-tieni tidher li hija petizzjoni ffirmata min-numru ta' persuni li wkoll iġġib id-data tal-4 t'April 1759. Fl-introduzzjoni ta' din tal-aħħar insibu deskrizzjoni ċara tas-sehem ta' Giacomo fil-proġett tal-bini tal-Oratorju tas-Sagrament. Hawnhekk insibu din l-istqarrija "*che per la coperazione dello stess Mastro Giacomo, e per molte sua diligenza e fatiche fu' ottenuta la licenza de fabricazione contingua alla riferita Chiesa della Parroca del Zeitun un Oratorio per servizio della Confraternità della SSmo Sacramento.*" Tgħid ukoll: "*Oltre la fabbrica maestosamente inalzata per il disegno fatto dello stesso Maestro Giacomo come uno dei dodici maestri periti espertissimo, oltre la grandissima industria, ed attenzione usata per fornire di tutto punto una fabbrica, che si volute contenere le spesa di scudi quatromila e*

cinquecento."

Dan id-dokument importanti ħafna jikkonferma li Mastru Giacomo Bianco mhux biss kien l-arkitett u d-disinjatur tal-Oratorju tas-Sagrament, iżda wkoll kien ħa ħsieb is-superviżjoni tax-xogħlijiet. F'dan id-dokument qed jiġi wkoll ikkonfermat li Mastru Giacomo Bianco kien wieħed mit-tnax il-perit appuntanti mill-Ordni. Pożizzjoni bħal din turi li Mastru Bianco kellu portafol usa ta' xogħlijiet, u b'hekk żgur jimmerita aktar riċerka dwaru.

L-Oratorju minn ġewwa

1. Abela, J. (2006). The Parish of Żejtun through the ages. Midsea Books Ltd. p. 71-72. Abela ukoll jgħid li "Fil-bini tal-Oratorju kien ħa sehem b'mod attiv Mastru Annunziato Cachia."
2. Abela (2006) jirreferi għall-kitba li hemm fuq irħama mwaħħla mal-piramida li kien hemm biswit il-bini tal-Oratorju (illum tinsab fil-mużew tal-parroċċa) "Mibdi fis-sena 1743 u tlesta fis-sena 1746, bil-grazzja t'Alla u l-Verġni Marija".
3. De Lucca, D. Some unexplored Baroque Vernacular Interactions in Maltese Village Environments. Fis-sit elettroniku https://web.archive.org/web/20010430193621/http://www2.arnes.si/aa/2000/lucc00cl.html, li nqara fl-24/01/2018.
4. Privitelli, G. (2013), The Parish Church of St Catherine of Alexandria in Żejtun: An Architectural Appraisal. Teżi tal-Baċellerat fl-Istorja tal-Arti. p. 143-147.
5. Id-data indikattiva tas-servizz ta' Gafà hija l-1692 u dik ta' Zahra hija l-1732. Privitelli (2013), p.145.
6. Capomastro huwa mastru fil-kostruzzjoni u kien ukoll responsabbli li jsegwi l-progress fil-bini u jara li l-proċess mixi kif pjanat. It-terminu architetto kien jintuża biex jispeċifika l-professjoni aktar milli x-xogħol. Privitelli (2013), p.143.
7. Lavoranti huma dawk il-ħaddiema li kienu jassistu fil-proċess ta' bini. Privitelli (2013), p.143. aktarx dawn kienu l-istess bħal figlioli jew ħaddiema li kienu jieħdu ħsieb jonġru l-ġebla u jassistu lill-bennej. Hughes, Q. and Thake, C. (2003), p. 28.
8. Bniedem tas-sengħa fil-lavur u skultura. Privitelli (2013), p.144.
9. Bacconiere jew picconieri kienu dawk li jaqtgħu l-ġebel mill-barriera u jqattgħuhom f'daqsijiet iżgħar biex ikunu jistgħu jitnaġġru. Privitelli (2013), p.143 & Hughes, Q. and Thake, C. (2003), p. 29.
10. Galea, P. (2007). 'Seismic history of the Maltese islands and considerations on seismic risk' in Annals of Geophysics, Vol. 50, N. 6, Decemebr 20017. p. 733. Giacomo Bianco ħa ħsieb jagħmel rapport dettaljat dwar il-ħsara li ġarbet il-koppla tal-Katidral tal-Imdina u l-kor wara t-terremot tal-1743. (Cathedral Archives, Mdina ACM, Misc., MS62).
11. Galea Scanura, C. (1998). Il-Ġimgħa Mqaddsa f'Bormla. Kolleġġjata ta' Bormla, p. 9.
12. Robinich, I. (2008). The Fraternity of the Crucifix and its Oratory in Senglea. Teżi għad-Diploma fl-Istudji Barokki, Università ta' Malta. p. 23. Ara wkoll Agius, G. (2014). Pietro Paolo Zahra and the Roman Baroque Manner if the Oratory of the Crucifix, Senglea. Long essay għad-Degree fil-Baċellerat tal-Arti (Hon) fl-Istorja tal-Arti, Università ta' Malta.
13. A.Z.P., Matt. II, 1606-1679, f. 121.
14. A.Z.P., Reg. 513, f. 39.
15. A.Z.P., Lib. Battesimi III, 1679-1710.
16. A.Z.P., Matt. III, 1679-1724, f. 67.
17. A.Z.P., Lib. Moreourum V, 1769-1778.
18. A.Z.P. No 116, f. 58.